MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 911/2013

**Palmar Limited**

**vs**

**Alternative Restaurants Limited**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-23 ta' Settembru, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi permezz ta' skrittura privata datata l-5 ta' Settembru, 2005, kriet l-istabbiliment maghruf bhala "*Point de Vue Guest House"* fis-Saqqajja, ir-Rabat, lis-socjeta` intimata, bil-kundizzjonijiet hemm pattwiti, (ara fol 4 *et sequitur*);

1.2 Illi s-socjeta` intimata hi moruza u prezentament ghandha taghti lis-socjeta` intimata l-ammont ta' ghoxrin elf, seba' mija u tnejn u tmenin Ewro u tmienja u tletin centezmu, (€20,782.38), arretrati ta' kera;

1.3 Illi nonostante li debitament interpellata biex thallas l-arretrati fuq indikati, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.4 Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti ma kellhiex alternattiva hlief li taderixxi din il-qorti ghat-tutela tad-drittijiet taghha;

1.5 Illi tenut kont tas-suespost, l-ammont dovut fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2), aktar qabel), hu wiehed cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` intimata m'ghandha l-ebda eccezzjoni x'tippromwovi fir-rigward;

1.6 Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti titlob li din il-qorti:

1.6.1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa ta' smiegh tal-kawza;

1.6.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas is-somma fuq gia` riferita, bilanc ta' kera li ghalqet fl-istabbiliment u n-negozju fuq ukoll gia` riferit;

1.6.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur fuq ukoll gia` riferit;

2. Rat il-verbal tal-udjenza datata t-30 t'Ottubru, 2013, li permezz taghha l-abbli rapprezentanti tal-partijiet infurmaw lill-qorti li kienu qed jikkoltivaw transazzjoni, (ara fol 36);

3. Rat il-verbal datat l-20 ta' Marzu, 2014, fejn wara li l-qorti kienet infurmata mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet li n-negozjati ta' bejniethom kienu fallew, semghet allura lix-xhud hemm indikat limitatament ghat-talba tas-socjeta` rikorrenti koncernanti d-dispensa tas-smiegh;

4. Ezaminat id-dokumenti u s-sottomissjonijiet esebiti mill-kontendenti;

5. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta' Marzu, 2013, li permezz tieghu, ordnat li l-procedura odjerna tinstema' bid-dispensa tas-smiegh u dan, anke wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi din il-procedura hi sintetikament fuq is-segwenti:

6.1. Illi a bazi tal-iskrittura privata fuq gia` riferita il-fond maghruf bl-isem "*Point de Vue Guest House*", is-Saqqajja, ir-Rabat, inkera mis-socjeta` rikorrenti lil dik intimata, bil-kondizzjonijiet pattwiti fl-istess skrittura, (ara fol 5);

6.2. Illi ghalkemm is-socjeta` intimata effettwat xi pagamenti mill-*canone* dovut, jirrizulta li ghad baqghalha thallas l-ammont indikat fir-rikors guramentat promotur;

6.3. Illi nonostante li s-socjeta` intimata giet debitament interpellata biex thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont hekk dovut, din baqghet inadempjenti;

6.4. Illi ghalhekk l-ammont dovut mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti mhux biss hu wiehed cert, likwidu u dovut, izda gie debitament ippruvat;

**DECIDE:**

7.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti, filwaqt li takkolji t-talbiet l-ohra kollha tas-socjeta` rikorrenti:

7.1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata fuq indikata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' ghoxrin elf, seba' mija u tnejn u tmenin Ewro u tmienja u tletin centezmu, (€20,782.38), bilanc ta' kera kif fuq gia` stabbilit ghall-fond u negozju hemm ukoll gia` indikat;

7.2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti kif mitluba fl-istess rikors guramentat promotur fuq riferit.

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------